## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 293/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Omissis**

**Lorita Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra *omissis* u l-appellanti, Lorita Pace, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 362484M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Fil-konfront ta' *omissis* talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Floriana, nhar id-19 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tas-12.50 ta' wara nofsinhar: 1) ikkommetta serq ta' handbag, nuccali, mobile phone, flus kontanti,

credit cards, cwievet u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Giuseppina Agius, (persuna ta' aktar minn sittin sena) liema serq hu kkwalifikat bi vjolenza numerika u bil-valur; 2) kkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppina Agius (persuna ta' iktar minn sittin sena), kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D.; 3) naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanziji; u 4) rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Fil-konfront ta' **Lorita Pace** talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Floriana, nhar id-19 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tas-12.50 ta' wara nofsinhar: 1) irrendiet ruhha komplici fid-delitt maghmul minn Stephen Abdilla meta xjentament, ghenietu jew assistietu sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewxitu, inkella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdietu li wara l-fatt tassistieh, tieqaf mieghu jew tikkompensah; 2)wettqet reat waqt li kienet taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar il-11 ta' Dicembru, 2012; 3) irrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra; 4) ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar it-28 ta' Marzu, 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikoli 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u 5) ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Apap Bologna LL.D. nhar l-24 ta' Frar, 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-30 ta' Gunju, 2015, li biha l-Qorti sabet lill-appellanta, allura imputata, hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra

taghha w kkundannatha ghal sentejn (2) u tmien (8) xhur prigunerija; in oltre u b'applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 il-Qorti estendiet b'erba' (4) snin il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' sitt xhur prigunerija mghotija fil-konfront taghha fil-11 ta' Frar 2012, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 estendiet ghall-perjodu massimu ta' tlett snin il-perjodu ta' probation moghti bis-sentenzi datati 24 ta' Frar 2012 u 28 ta' Marzu 2012 rispettivament;

Rat ir-rikors tal-appellanta, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilliberaha mill-imputazzjonijiet li taghhom sabitha hatja u fin-nuqqas jekk tikkonferma l-htija, tinfliggi piena iktar ekwa u gusta;

Ezaminat l-atti kollha processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lil zewg Ufficcjali tal-Probation bil-gurament;

Semghet lid-difensur tal-appellanta u lill-Avukat Generali;

Rat l-aggravji tal-appellanta:

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' *handbag* mill-pussess ta' mara anzjana waqt li kienet ghaddejja fit-triq. Il-htif tal-basket sar minn zewgt irgiel, fosthom *ommisis*, li harbu minn fuq il-post segwiti minn zewg cittadini privati li raw lill-*ommisis* jghaddi l-istess f'idejn l-appellanta li inizzjalment qeghditu gewwa basket akbar u ftit wara ddisponiet minnu billi remietu jew hbietu fil-haxix ta' parkegg vicin. Ic-cittadini privati segwew lil dawn it-tlieta li telghu fuq xarabank u rnexxielhom izommu lill-*ommisis*. Fil-process, wiehed mic-cittadini ha ritratti tat-tlieta li huma telghin fix-xarabank. L-appellanta tressqet bhala komplici f'dawn il-fatti peress illi deheret

bhala parti mill-pjan ezegwit minkejja li tghid illi hija kienet hemm b'kumbinazzjoni u li kien *ommisis* li xehet il-basket tal-anzjana f'idejha u accettatu ghaliex hassha obligata wara li l-istess *ommissis* kien ospitaha f'daru l-lejl ta' qabel u provdielha post fejn torqod;

2. L-appellanta tressaq tlett aggravji dwar is-sentenza appellata. L-ewwel gravami jirrigwarda l-apprezzament zbaljat tal-fatti mill-ewwel Qorti filwaqt illi t-tieni wiehed jikkwerela l-applikazzjoni ta' principju legali zbaljat. L-ahhar aggravju huwa dwar il-piena kominata izda b'mod generali l-appellant izid jghid illi l-appell tieghu huwa dwar is-sejbien ta' htija fl-appellanta bhala komplici fir-reat principali u li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienux kredibbli. Ghalhekk din il-Qorti ser tezamina dawn l-aggravji *seriatim*;

3. Tenut kont li l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament, fil-fehma tal-appellanta, zbaljat fl-ewwel istanza, u partikolarment dwar il-kredenzja tax-xhieda mressqa, din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Il-pern tal-kwistjoni hawn devoluta hija jekk l-appellanta verament kienitx komplici fir-reat principali jew inkella kienitx, skond hi, kif jinghad bl-Ingliz *in the wrong place at the wrong time*. F'dan l-ezami l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll iz-zewg stqarrijiet tal-appellanta stante li qed tistrieh hi stess fuqhom, ikkonfermathom bil-gurament quddiem l-ewwel Qorti u ma sabet ebda oggezzjoni li l-kontenut taghhom ikun skrutinat mill-ewwel Qorti u minn din il-Qorti;

4. Fid-19 ta' Marzu, 2013, il-Pulizija Ezekuttiva kienet infurmata illi fis-12.45pm kienet sehhet serqa ta' basket minn fuq persuna anzjana fil-Furjana. Fl-istess waqt kienet ukoll infurmata illi zewg pajzana kienu zammew il-persuna li kienet ghadha kemm wettqet dan ir-reat. Christian Mansueto xehed illi kien ghaddej bil-vettura tieghu niezel dik li jsejhilha in-nizla ta' Boffa, igifieri it-triq li taghti ghall-isptar Boffa, jisma ghajjat ta' mara anzjana u jara zewg guvintur isawtuha waqt li waqghet mal-art u hadulha l-basket, telqu jigru u

wiehed minnhom ghamillu sinjal biex jibqa' sieket. Ix-xhud ma riedx ikun komplici bis-skiet tieghu u minflok kiser ghat-triq li tiehu ghall-isptar Boffa, kompla jikser il-kantuniera, fejn hemm stazzjon tal-fuel u ra mara bil-pass mghaggel li ghall-ewwel haseb li kienet qed tibza minn dawn it-tnejn. Mifxul x'ser jaghmel, iz-zewgt irgiel telghu t-tarag li jaghti ghall-Monument tal-Gwerra u ra lill-mara sejra maghhom. Persuna bil-vettura li kienet wara dan ix-xhud ghamlitlu sinjal u minnufih ipparkja l-vettura tieghu u telaq jigri wara l-agressuri filwaqt illi l-iehor avzah li ser idur bil-vann tieghu u jistennih fuq, igifieri fit-tarf tat-tarag li allura jigi fejn il-Monument. Waqt l-insegwiment huwa ra lil wiehed minn dawn iz-zewg guvintur jghaddi l-basket tal-anzjana lill-istess mara li kienet griet maghhom hdejn il-fuel station u tefghet il-basket f'basket iehor. Huwa lahaq maghhom hdejn il-venda tal-karozzi tal-linja u rahhom kollha diehlin gewwa xarabank, hadilhom xi ritratti, esebiti in atti bhala Dok 1 a fol 52 sa 59, u wiehed mill-guvintur u l-mara regghu hargu mix-xarabank u b'hekk zammew lill-uniku wiehed mit-tlieta li kien baqa' fix-xarabank. In kontro-ezami, id-difiza staqsiet domandi lil dan ix-xhud li ser ikunu hawn riprodotti peress illi aktar tard ser ikunu krucjali ghall-ezitu tal-kawza:

*Avukat: Jekk nghidlek li fil-fatt li s-Sionjorina ma kienitx fit-tarag fejn spjegajt ta' Boffa izda fit-triq ta' fuq illi taghti ghal-Kastija, xi tghid:*

*Xhud: Tkun qed tigdeb.*

*Avukat: Inti fejn rajtha?*

*Xhud: Jien rajtha fejn il-pompa tal-petrol, dik in-nizla u miexja maghhom.*

*Avukat: Nghid sew illi l-basket tahhulha hdejn il-venda tal-buses?*

*Xhud: Fit-tarag, fuq nett mija fil-mija.*

5. Il-persuna l-ohra li kienet fil-vann wara l-vettura misjuqa mix-xhud Mansueto, li assistiet ukoll fl-insegwiement, ma ttellghetx tixhed quddiem l-ewwel Qorti u ta' dan ghamlet osservazzjoni id-difiza anke

fl-appell odjern. Il-prosekuzzjoni izda ressqet bhala xhud okulari iehor lil Mario Richard Micallef li spjega kif bhalma jaghmel is-soltu, wara nofsinhar hareg jimxi bil-kelb lejn Triq San Frangisk direzzjoni lejn iz-zewg monumenti tal-gwerra fejn hemm iltaqa' mal-vittma, girien tieghu, u qaghad jitkellem maghha sakemm hi baqghet sejra lejn darha, il-flats faccata tat-triq tal-Isptar Boffa, u hu lejn il-gnien ta' fuq l-Isptar. Fl-istess waqt, hargu zewgt irgiel u mara minn bejn iz-zewg monumenti iz-zghar li mill-ewwel qanqlu fih suspett ghaliex waqfu f'salt. Huwa baqa miexi ghal ftit u hares lura biex jara fejn kienet wasslet il-vittma meta l-appellanta staqsietu l-hin u x'hin qalilha li kienu s-siegha nieqes ghoxrin, daret fuq l-ohra ippanekjata u heggithom biex imorru ghax kien sar il-hin. Malli ra li l-vittma kienet kwazi waslet id-dar taghha kompla fi triqtu u dahal jippassigga fil-gnien, izda meta hareg sab tnejn minn dawk li kien ra qabel, lill-imputata u lill-ragel iehor, telghin jigru it-tarag tal-Isptar Boffa u waqfu ezatt quddiemu u komplew jimxu lejn il-venda u warajhom telghu xi irgiel jigru. Dawn staqsewh jekk kien ra lil xi hadd jigri, spjegalu li kienet insterqet mara u ddirigihom lejn il-venda u inghaqad maghhom fl-insegwiment. Malli lahaq lill-ohrajn mar fil-bieba ta' wara tal-bus u ma kien hemm hadd izda wiehed mill-irgiel kien qed jinzamm fil-bus mill-pajzana b'xi dmija fuqu u kkonfermalu li kellu tnejn ohra mieghu;

6. Vittma ta' dan kollu kienet certu Josephine Agius li xehedet illi kienet fi Triq San Frangisk meta kwazi waslet fid-dar taghha, rat ragel gej faccata taghha, resqitlu ftit u dan dahhal idejh fil-*handbag* taghha u gibidulha, daret u waqghet fuq irkoppitha u giet ghal wiccha. F'dan il-basket kellha *mobile phone,* karta tal-identita u card tal-bank. Kawza tal-incident sofriet offizi ta' natura hafifa fuq irkoppitha, l-id u il-polz tal-lemin (certifikat mediku fol 3);

7. Ufficjali tal-Pulizija xehedu illi wara interrogatorju l-appellanta hadithom fil-car park tal-MCP gewwa l-Furjana fil-parti fejn hemm il-haxix u hemm uriethom fejn kien qieghed il-basket tal-vittma. Fil-fehma tal-ufficcjali, il-handbag kien mohbi;

8. Stephen Abdilla, li jidher li tressaq bhala xhud mid-difiza, ddepona illi huwa kien misjub hati li seraq lill-anzjana Josephine Agius u li kkawzalha offizi ta' natura hafifa u spjega li s-serqa ghamilha wahdu u li l-appellanta ma kellhiex x'taqsam u lanqas kienet taf li kien sejjer jaghmel serqa. L-ewwel li ra lill-appellanta kienet fejn il-monument wara s-serqa li sehhet fit-tarf tat-triq li taghti ghall-Isptar Boffa, faccata tal-flats, u li ddur ghal Triq il-Kurcifiss. Biex wasal hemm mexa tul it-triq ghan-nizla mill-monument u mhux mit-tarag li jaghti ghall-isptar Boffa. Wara s-serqa beda l-insegwiment u malli wasal hdejn il-Monument tal-Gwerra ra lill-appellanta u taha l-*handbag* u bil-fixkla qasam it-triq fejn spicca mizmum. Dan ix-xhud jippreciza illi f'dak il-hin l-appellanta kienet fejn il-monument u mhux fejn it-tarag li jaghti ghall-Isptar. Huwa spjega x'gara l-lejl ta' qabel u l-hin precedenti s-serqa igifieri li l-appellanta u certu Fabian kienu raqdu ghandu fir-residenza tieghu l-Belt. Filghodu mar ma' Fabian ghall-mistura, riferibilment ghad-DETOX centre, izda l-appellanta marret ukoll ghall-mistura ghal rasha. Wara rega lura d-dar, dejjem ma' Fabian, u ma jidhirlux li rega ra lill-appellanta hlief fejn il-monument meta taha l-basket;

9. L-appellanta xehedet illi kawza li kienet iggieldet ftit ma' ommha ma kellhiex fejn torqod u ghalhekk il-lejl ta' qabel l-incident raqdet ghand Stephen Abdilla il-Belt. L-ghada, Stephen u siehbu Fabian qamu u hargu u meta rritornaw ghal xi l-ghaxra ta' filghodu qajmuha halli jmorru ghall-mistura ghaliex kienet festa u d-DETOX jghalaq f'nofsinhar. Hargu u nfirdu u wara regghu iltaqghu gewwa gabbana f'Bieb il-Belt u hadu te flimkien. Kienet bi hsiebha tmur tara lis-sieheb taghha l-Isptar Mater Dei u b'hekk hasbet biex taqbad tal-linja minn fuq l-istage fejn il-monument tal-gwerra peress li minn hemm tghaddi xarabank li tiehdok dritt ghall-Mater Dei fis-siegha. Ghalhekk it-tlieta li huma mxew flimkien minn Bieb il-Belt lejn dan l-istage ghaliex it-tnejn l-ohra qalu li sejrin jimxu. Waqt li kienet wahidha fuq l-istage staqsiet x'hin kien lil wiehed ghaddej b'kelb u dan biex ma titlifx ix-xarabank u qalilha li kienu s-siegha nieqes ghoxrin. Wara ghaxar

mintui tara lil Stephen u lil Fabian gejjin jigru mit-tarag tal-Isptar Boffa *"Qalli qabad basket u ma kienx hand bag ghax nahseb li l-handbag tefghu go basket u qalli zommli dan, aqbad dan ghax ninqabdu, ghax ha ninqabdu"* (traskrizzjoni a fol 160). Minkejja li ma kienitx taf ghaliex taha l-*handbag* hi hassha obligata lejn Stephen ghaliex kienet qattet il-lejl ghandu u ghalhekk ma rat xejn hazin li zzomm il-**basket** u la ma kienitx taf il-provenjenza tieghu. Hi spjegat illi kif telghu jigru t-tarag sabu lilha ma wicchom;

10. Appena Abdilla taha l-basket hi bdiet tisma' lil min jghid li kienet insterqet xiha u bl-istess biza li kellha fuqha ramiet il-basket b'mod li tista' terga tmur ghalih jekk jinqala' l-bzonn. Dwar ir-ritratti esebiti minn Mansueto li juru lilha tiela f'xarabank fuq il-venda tal-Belt, l-appellanta spjegat li dak il-basket kien taghha u li fil-hin meta ttiehed ir-ritratt, li allura juri lilha tiela x-xarabank, kienet gia remiet il-basket li taha Abdilla: "*ghax jien kif tahuli f'idi cum bum qbadt u armejtu*" (fol 165). Hija telghet f'tal-linja u regghet nizlet minnufih u spjegat illi dak iz-zmien kienet bilghaqal u ma rieditx tidhol f'inkwiet li ma kellhiex x'taqsam mieghu, u minn hemm ma marritx l-Isptar kif pjanat izda marret id-dar fejn baqghet sat-tmienja ta' filghaxija sakemm gew ghaliha l-Pulizija;

11. L-appellanta fissret illi hija qatt ma nizlet it-tarag li jaghti ghall-Isptar Boffa u li kieku ghamlet hekk ma kienitx terga' titla' ghaliex aflitta minn trombosi ghal aktar minn sentejn oltre l-*weight li ghandi* (fol 162) u li kieku titla' dak it-tarag tigri tieqaf fin-nofs u tmut. Hi esebiet Case Summary taghha mill-Isptar Mater Dei, Dok LP8 fol 179 u dan ser ikun mistharreg aktar tard u xehedet li fid-data tal-incident kienet tizen ghaxar kilos anqas. Hija spjegat ukoll r-raguni ghaliex fl-ewwel stqarrija tat stampa kompletament differenti u dan ghaliex wara rrijalizzat li jkun ahjar li tghid il-verita. Fl-ewwel stqarrija taghha, l-appellanti ddikjarat illi fil-jum in kwistjoni telqet mid-dar taghha l-Belt fil-11.20 ta' filghodu ghall-mistura fi Gwardamangia, wara mxiet sal-Hamrun biex taqbad tal-linja numru 122 lura ghall-Belt ghaliex riedet tmur l-Isptar Mater Dei biex tara lill-partner

taghha. Waqt li kienet fil-karozza tal-linja fil-venda tal-Belt, cemplilha l-parter u talabaha ma tersaqx 'l hemm ghalissa ghaliex kien ghad hemm it-tfal tieghu magenbu u fl-istess waqt tela wiehed fil-karozza u beda jghid lix-xufier biex ma jsuqx ghax kien hemm wiehed li kien seraq u ghalhekk nizlet u telqet lura d-dar. Ftit wara spjegat illi peress illi kien ghad fadal 10 minuti biex tal-linja titlaq lejn Mater Dei, nizlet tpejjep u kien f'dak il-hin li cemplilha l-partner meta allura kienet halliet il-*handbag* taghha fuq tal-linja appena tidhol u kif cemplilha telghet tiehu l-basket u telghu zewgt irgiel jghajtu. Hija kienet cahdet li taf lir-ragel bil-beritta u l-iehor tal-hood li telghu fuq tal-linja;

12. Minkejja li kkonfermat l-istqarrijiet taghha, fit-tieni stqarrija l-appellanta ukoll stqarret b'mod divers mid-deposizzjoni quddiem l-ewwel Qorti meta qalet li ma kellhiex fejn torqod ghaliex il-partner taghha kien l-isptar u uliedu ma kienux jafu biha u ma rieditx tmur ghand ommha biex ma tahsadhiex f'dawk il-hinijiet tas-siegha u nofs ta' filghodu. Wara li marret torqod ghand Abdilla, dan tal-ahhar u Fabian hargu fis-sitta ta' filghodu, hallew lill-appellanta tistrieh fid-dar ta' Abdilla u regghu lura fl-10 am, hadu te u qaghdu jitkellmu u mxew lejn bieb il-Belt u hi telqet ghall-Gwardamangia ghall-mistura. Wara nofsiegha mxiet lejn il-Hamrun u rikbet ghal-Belt u meta waslet rat lill-Abdilla u lill-Fabian f'gabbana f'Bieb il-Belt fejn kienet halliethom u mxew flimkien sal-Monument tal-Gwerra biex hi taqbad il-karozza tas-siegha. Staqsiet il-hin lix-xhud li kien miexi bil-kelb u appena sejra lura lejn l-istage Stephen Abdilla gie jigri insegwit minn ragel qed jigri warajh, poggielha basket fil-basket li kellha u talabha zzommulu ghaliex kienu ser jinqabdu. Tghid li dan kollu gara quddiem tal-linja li kellha tirkeb ghall-Mater Dei. Minkejja li kienet irceviet it-telefonata mill-partner taghha, telghet fil-karozza xorta wahda bil-basket li fih kellu l-basket il-misruq biex tevita n-nies izda meta x-xhud li ha r-ritratti tela jghajjat li kien seraq, nizlet, remiet il-basket gol-parkegg u telqet lejn id-dar;

13. Rinfaccjat b'dawn il-fatti, il-Qorti tal-ewwel grad rriteniet inekwivoka l-istampa projettata mix-xhieda okulari u kkonsidrat

bhala plawsibbli u ta' ebda effett l-fatt illi l-vittma qalet li rat ragel wiehed biss involut fl-aggressjoni. Minn naha 'l ohra, l-ewwel Qorti kkonstatat diversi inkonsistenzi u kontroversji fil-verzjoni tal-appellanta u ta' Stephen Abdilla u elenkat uhud minnhom li wasluha ghall-konvinciment li dawn tal-ahhar ma kienux qed jghidu l-verita. In rigward, l-ewwel Qorti ddikjarat li kien ovvju li Stephen Abdilla ried jezonera lill-appellanta minn kull responsabilita' izda kien skredit kwazi f'kull haga inkluz mill-istess appellanta. Pertinenti hafna hija l-osservazzjoni inizzjali tal-ewwel Qorti li Abdilla jghid li wara li telaq mid-dar tieghu huwa ma regax iltaqa' mal-appellanta hlief b'koincidenza meta tela jigri mit-tarag ta' Boffa u ghaddielha l-basket. Dan kien kontradett mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u mill-istess appellanta meta qalet li regghu iltaqghu fid-dar fl-10am, marru f'gabbana f'bieb il-Belt, hadu te u mxew flimkien sal-Monument tal-Gwerra biex hi taqbad tal-linja minn fuq l-istage;

14. L-ewwel Qorti fliet bir-reqqa id-deposizzjoni tal-appellant inkluz l-istqarrijet minnha ammessi u anke f'dawn rriskontrat diversi aspetti konflingenti. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti in rigward u zzid maghhom is-segwenti. Kif jidher mir-ritratti esebiti mill-istess appellanta, mhux minnu li t-tarag tal-Isptar Boffa jinsab ftit passi boghod mill-istage. Huwa l-passagg li mil-bankina jaghti ghat-tarag li jinsab cirka disa' metri boghod mill-istage. X'kienet qed taghmel fit-tarf tar-tarag meta kellha tkun fuq l-istage sta ghaliha li twiegeb. L-appellanta tghid li remiet il-basket minnufih. Dan ma hu minnu xejn ghaliex il-basket instab wara l-haxix fl-MCP Car Park. Dan ifisser biss illi l-appellanta kellha l-hin kollu sabiex taqsam it-triq mill-bankina tat-tarag li jaghti ghall-Isptar Boffa sakemm tigi fuq il-venda u taghmel wahda minn zewg affarijiet: jew titla fuq tal-linja bil-basket misruq, terga tinzel, taqsam it-triq ghan-naha l-ohra u tahbi jew tarmi l-basket jew li mit-tarag ta' Boffa taqsam dritt lejn l-MCP, tahbi jew tarmi l-basket, terga taqsam ghall-venda u titla' fuq tal-linja flimkien mal-ohrajn kif jixhdu r-ritratti esebiti. L-appellanta tghid li meta kienet fit-tarf tat-tarag li jaghti ghall-Isptar Boffa semghet

ghajjat ta' wahda mara, prezumibilment tal-anzjana li kienet ghadha kemm insterqet u trid lill-Qorti temminha li minn fejn il-monument fejn it-tarag setghet tisma l-ghajjat li sehh fil-liwja ta' Triq il-Kurcifiss;

15. L-appellanta ezebiet ukoll Case Summary dwar sahhitha mahrug mill-Isptar Mater Dei biex turi li kienet aflitta minn trombosi u li ghalhekk ma kienx possibbli ghaliha li titla dak it-tarag bil-giri. Ezaminat dan id-dokument a fol 179 jemergi illi l-appellanta kienet ammessa l-Isptar fit-3 ta' Marzu 2014 u rilaxxjata fis-7 ta' Marzu, igifieri sena wara li sehh dan l-incident. Dan jispjega illi sentejn qabel, allura f'Marzu 2012 li jigi sena qabel l-incident, prezentat ruhha b'kundizzjoni indikata bhala DVT li din il-Qorti tifhem li hi deep vein trombosi u somministrata l-Warfarin. Izda, kienet l-appellanta stess li kienet waqqfet li tiehu il-Warfarin xahar u nofs qabel kienet ammessa igifieri f'nofs Jannar tas-sena 2014 u regghet bdiet tiehu l-Warfarin "*3 days prior to presentation as she* ***__suspected__*** *DVT recurrence"* (sottolinear u enfasi tal-Qorti). Tinnota din il-Qorti li l-appellanta ddeponiet minn jeddha fis-17 ta' Marzu, 2014, ghaxart ijiem wara li kienet rilaxxjata mill-isptar wara li kienet ammessa li kienet qed tissuspetta *DVT recurrence*;

16. L-appellanta tirraviza nuqqas fis-sentenza appellata meta l-ewwel Qorti bdiet bis-segwenti kliem rigward ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni: *dwar dak li qalu x-xhieda u l-kredibilita' taghhom.* Din il-Qorti, izda, ma taqbel xejn mal-oggezzjoni tal-appellanta. B'dak il-kliem l-ewwel Qorti ma kienet qed titfa l-ebda dell fuq il-kredibilita' tax-xhieda tal-prosekuzzjoni tant illi din kienet l-ewwel konsiderazzjoni tal-istess Qorti dwar ix-xhieda kollha inkluz dik ta' Abdilla u l-appellanta u l-ezercizzju li segwa kien ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni minn naha versu ix-xhieda tad-difiza minn naha 'l ohra;

17. L-ewwel aggravju tal-appellanta, li donnu huwa kontinwazzjoni tal-ilment intestat **Il-provi**, jirrigwarda il-mankanza tal-grad tal-prova ghas-sejbien ta' htija u jirrigwarda l-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-prova fil-komplicita'. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti qalet testwalment hekk: *Illi fil-kaz in ezami m'hemmx prova diretta ta' xi*

*ftehim bejn Abdilla u l-imputata pero' fil-fehma tal-Qorti hemm provi indizzjarji sufficjenti li ghandhom iwasslu ghal-konkluzzjoni wahda u cioe li l-imputata kienet taf b'dak li kien ser jaghmel Abdilla.* Naturalment, fir-reat ta' komplicita, il-prova li persuna ftehemet ma' ohra biex tikkommetti reat fil-maggoranza tal-kazijiet hija inferita mic-cirkostanzi kollha tal-kaz sakemm ma tingiebx xi prova bhal registrazzjoni korroboranti dak il-ftehim. L-ewwel Qorti ccitat l-insenjament tal-Professur Mamo in rigward b'mod partikolari fejn si tratta ta' distinzjoni bejn il-komplicita fir-reat miftiehem, igifieri li jkun hemm hsieb komuni bejn zewg minn nies jew aktar u reat li jsehh wara bhal meta persuna taccetta l-oggett misruq fejn allura hemm l-impossibilita' tal-komplicita' la darba it-tieni parti ma kienitx parti mill-pjan;

18. Fir-reat in dizamina, l-ewwel Qorti kellha tkun konvinta minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellanta kienet taf li l-kompanji taghha kienu ser jikkomettu d-delitt u li ghinithom biex iwettqu dan id-delitt b'wiehed mill-modi ravvizat fil-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-appellanta targumenta illi l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti ma kienitx bazata fuq ebda provi indizzjarji izda huma gratuwiti u legalment insonstenibbli. Issa, l-ewwel Qorti kienet konvinta mill-involviment tal-appellanta meta ghazlet li temmen lix-xhieda okulari fejn allura rrizulta li l-appellanta kienet fejn il-fuel station fi Triq il-Kurcifiss minn fejn hemm tarag li jibqa' tiela dirett lejn il-Monument tal-Gwerra. Mansueto jikkonferma illi ma kienitx l-appellanta li serqet il-basket izda l-azzjoni taghha li tiehu l-basket minghand Abdilla, tqieghdu fil-basket taghha u titla' bih sal-venda tal-Belt gustament twassal ghal konvinciment ta' komplicita' fir-reat ta' serq. L-appellanta targumenta illi l-accettazzjoni tal-*handbag* minn naha taghha jammonta ghal-fatt sussegwenti l-komissjoni tar-reat ta' serq minn Abdilla u siehbu u ghalhekk ma tistax tirrizulta l-komplicita' fis-serq. Ix-xhieda tas-Sur Mansueto izda hija inkonfutabbli meta jghid li ra liz-zewg guvintur jghatu l-basket lill-appellanta meta kien ghadu hdejn il-fuel station.

L-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tikkonkludi minn dan kollu illi kien hemm hsieb komuni bejn l-aggressuri sabiex ikun kommess dan ir-reat ta' serq u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

19. Fit-tieni aggravju taghha, l-appellanta targumenta illi l-ewwel Qorti ccitat sentenza li ma ghandha ebda rilevanza meta ghamlet konsiderazzjonijiet dwar l-element tal-*common design*. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ccitat is-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven John Lewis Marsden tat-2 ta' Novembru, 2009 u huwa minnu ukoll illi dik is-sentenza kienet titratta dwar ir-reat ta' assocjazzjoni kriminuza bl-iskop ta' importazzjoni ta' droga bi ksur tal-artikolu 120A(f) tal-Kaptitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta. Huwa minnu ukoll illi r-reat tal-assocjazzjoni bi skop ta' delitt mhux biss taht il-Kapitolu 31 u 101 izda ukoll taht il-Kodici Kriminali ex artikolu 48A huwa differenti minn dak ta' komplicita' ravvizat fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Fl-ewwel ipotesi, ir-reat jista' jsehh indipendentement minn jekk l-azzjoni kriminuza intentata sehhitx jew le filwaqt illi fil-komplicita' jehtieg li r-reat miftiehem ikun sehh jew twaqqaf minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tal-principal, ossia l-attentat. Dak li izda l-ewwel Qorti riedet turi kien li fejn si tratta ta' wiehed mit-tlett elementi tar-reat tal-assocjazzjoni, igifieri il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar, jista' jkun pruvat mic-cirkostanzi u l-fatti speci inkluz il-komportament ta' dawk involuti;

20. Fir-reat ta' komplicita' japplikaw ir-regoli normali tal-prova, igifieri tal-prova diretta jew indizzjarja li jehtieg li tkun univoci. Mill-provi akkolti, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-partecipazzjoni tal-appellanta fir-reat ta' serq kien jammonta ghall-komplicita' konsistenti fl-ghajnuna morali u weghda ta' assistenza wara l-fatt bi ksur tal-artikolu 42(d) u (e) tal-Kodici Kriminali. Waslet ghal konkluzzjoni li l-element intenzjonali kien pruvat mic-cirkostanzi kollha tal-kaz billi emmnet lix-xhieda okulari, skartat il-verzjoni tal-appellanta u hadet ukoll kont ta' fatti fizici emergenti mill-provi u dwar dan ma tara xejn censurabbli. Irid jinghad illi ghalkemm ir-reat ta' assocjazzjoni huwa

differenti minn dak tal-komplicita' kif inghad *supra,* x'jiswa bhala prova tal-intenzjoni, ossia kif tasal li tipprova l-intenzjoni, tista' tghid li hija l-istess, igifieri, interpretazzjoni u inferenzi mill-fatti kollha tal-kaz. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

21. It-tielet aggravju jirrigwarda il-piena kominata mill-ewwel Qorti u huwa maqsum f'zewg lanjanzi. L-ewwel argument hu li l-ewwel Qorti ikkalibrat il-piena b'mod zbaljat meta attribwiet lill-appellanta l-aggravju tal-eta' tal-vittma meta l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-appellanta kienet hekk xjenti. A fol 134 tal-atti processwali hemm anness estratt mill-att ta' twelid tal-vittma Josephine Agius, esebit mill-prosekuzzjoni, li juri li l-vittma twieldet fil-11 ta' Marzu, 1939. Dan ifisser illi kellha 74 sena dakinhar tal-aggressjoni. L-argument li bhala komplici ma kienitx taf bl-eta' tal-vittma kif seta jikkonstata l-awtur ma huwa ta' ebda soljev ghall-appellanta una volta stabilit illi kien hemm l-intendiment komuni bejn it-tlieta li jisirqu l-basket ta' dik il-persuna. L-ewwel Qorti ghalhekk kellha tapplika l-piena ravvizata fl-artikolu 274(d) tal-Kodici Kriminali, prigunerija minn tmintax-il xahar sa tlett snin, mizjuda bi grad jew tnejn skond l-artikolu 276A (u mhux 274A kif erronjament indikat mill-ewwel Qorti). Zieda bi grad ifisser li kienet soggetta ghal-prigunerija bejn sentejn u erba snin (artikolu 31). L-artikolu 277(a) imbaghad jipprovdi li dik il-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha. Hawn trid issir referenza ghall-artikolu 20 li jipprovdi li f'dak il-kaz il-piena ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimmu u li f'dan il-kaz tissarraf fi 8 xhur ghal total minimu ta' sentejn u tmien xhur. Issa meta l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha dwar l-artikolu 49 u 50, ifisser li erogat l-anqas piena possibbli. Huwa inutili ghall-appellanta li targumenta illi l-awtur inghata sentenza ta' prigunerija ghal-zmien anqas mill-ko-akkuzat mill-Qorti diversament preseduta ghaliex huwa evidenti li ma setghax jinghata piena anqas minn sentejn u tmien xhur;

22. L-appellanta targumenta ukoll illi f'kaz alternattiv ghandha tinghata piena anqas doveruza sabiex tassigura li tibqa' miexja fit-triq

it-tajba li qabdet. In rigward, din il-Qorti semghet lill-Ufficcjal tal-Probation tixhed dwar il-progress li l-appellanta ghamlet fid-direzzjoni t-tajba mill-ghoti tas-sentenza 'l hawn. Kienet l-istess Ufficcjal tal-Probation li xehedet quddiem l-ewwel Qorti dwar r-rigress taghha u li kienet iddenunzjata quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Semghet ukoll ir-rapprezentant tal-Caritas li kkonferma li l-appellanta ghamlet progess sinjifikanti u li t-testijiet ghal-konsum tad-droga huma jirrizultaw fin-negattiv. Rat ukoll ic-certifikat tal-psikjatra li qed jikkura lill-appellanta. Rat ukoll illi mill-fedina penali taghha l-appellanta qatt ma kienet ikkundannata dwar xi reat iehor wara s-sentenza in mertu u b'hekk tara certu konsistenza fil-hajja taghha kif korroborata mill-Ufficcjali tal-Probation.;

23. Qabel ma din il-Qorti tiddisponi minn dan l-aggravju, anke jekk dan ma kienx parti mill-aggravji l-ohra, tosserva illi fl-udjenza tal-14 t'Ottubru, 2013 quddiem l-ewwel Qorti zdiedu zewg imputazzjonijiet rigwardanti kommissjoni ta' reat waqt ordni ta' probation bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446. L-ewwel wahda tirreferi ghall-ordni moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Marzu 2012 u l-ohra fl-24 ta' Frar, 2012. Din il-Qorti tosserva illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-20.6.2013 (fol 114) l-Avukat Generali kien talab lill-ufficcjal prosekutur sabiex izid mal-imputazzjonijiet dik li l-imputata naqset milli thares il-kondizzjonijiet ta' l-ordni ta' probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-24 ta' Frar, 2012. Minflok dan, l-ufficjal prosekutur talbet u ottjeniet zieda tas-segwenti zewg imputazzjonijiet: *U aktar talli ikkommettejt reat waqt li qieghda taht ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D nhar it-28 ta' Marzu 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u U aktar talli ikkommettejt reat waqt li qieghda taht ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Apap Bologna LL.D nhar l-24 ta' Frar 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446*

*tal-Ligijiet ta' Malta".* Sussegwenti ghal dan, l-Avukat Generali rega baghat ir-rinviju ghall-gudizzju datat 28.11.2013 u indika fost l-artikoli li ghalihom kellha twiegeb l-imputata l-artikolu 7 u 21 tal-Kapitolu 446. Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet titratta biss dwar il-ksur tal-ordni mposta bis-sentenza tal-24 ta' Frar, 2012;

24. Inoltre, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ghar-rigward tal-kommissjoni ta' reat waqt ordni ta' probation, igifieri l-artikolu 7 u 21 tal-Kapitolu 446 huma ghall-kollox irrelevanti. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fl-appellanta in rigward u l-ordni tal-ewwel Qorti li testendi l-perjodu operattiv tas-sentenzi msemmija ser tkun revokata;

25. Kwantu ghal piena kominata mill-ewwel Qorti, huwa llum assodat fil-gurisprudenza illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti hlief meta ma tkunx fil-parametri tal-ligi u kellha tinghata piena anqas minn dik fil-fatt kominata. Tajjeb ukoll, ghal kwadru komplet ta' din il-kunsiderazzjoni, li ssir referenza ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* f'kawzi fejn il-piena kienet klementi jew ossia mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014). Fil-kaz odjern, il-Qorti qieset illi l-prospett ta' allontanament mill-hajja rafrettarja mhux wiehed fierah izda materjali u seta' jkun kalibrat mill-Ufficcjali tal-Probation mhux bhala wiehed li b'mod donnu fittizju qisu sehh mill-lejl ghan-nhar biex din il-Qorti tkun impressjonata. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti sejra ukoll tirrifletti dan il-hsieb fil-varjazzjoni ta' dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena;

26. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba kwantu ghar-revoka tas-sentenza appellata; tilqa' l-appell ghal-varjazzjoni tas-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja ta' komplicita f'serq, talli wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza (tal-11 ta'

Dicembru, 2012) u tal-addebitu tar-recidiva) u tilliberaha miz-zewg addebiti ta' kommissjoni ta' reat waqt li kienet qeghda taht ordni ta' probation (sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu, 2012 u 24 ta' Frar, 2012) u konsegwentement tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti estendiet it-terminu ta' probation ghal-tlett snin. Tikkonfermaha f'dik il-parti ukoll fejn estendiet it-terminu ta' sentenza sospiza ghal-perjodu iehor ta' erba' snin li jibda jiddekorri mil-lum. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn u tmien xhur u minflok, tqieghed lill-appellanta taht ordni ta' probation u ordni ta' supervizzjoni ghal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum b'dan illi l-Ufficcjal tal-Probation hekk assenjat ghandu jew ghandha thejji rapport tal-andament kull sitt xhur;

27. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-appellanta l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehmitx l-ispjega tal-Qorti dwar dawn l-obbligi.